# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

## IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 27

26 ta' Mejju 2021

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
John P.Bonnici – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Giorgio Mario Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Remigio Bartolo – Kunsillier
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Victor Galea – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-5.33pm. Kulħadd kien preżenti bl-eċċezjoni tas-Sur Giorgio Mario Schembri li daħal ftit tard. Is-Sur Galea kien informal is-Segretarju Eżekuttiv li jista' jkun ma jidħolx peress li mar jieħu l-vaċċin tal-Covid 19.

## 27.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

27.1.1 Is-Sindku qal li kien hemm imejl t'apoloġija mingħand is-Sur Remigio Bartolo li kienet għandha kif mietet ommu u l-Viċi Sindku is-Sur Alex Mangion. Saret talba f'ġieħ is-Sinjura Bartolo.

## 27.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

27.2.1 Approvati.

## 27.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

27.3.1 *Skema tar-Reġjun - Kultura*

Is-Sur Cordina qal li skont l-iskema tar-Reġjun tal-Kultura kellha ssir attività nhar is-7 ta' Awwissu bejn iż-żewġ baned u l-Accordian Band bil-bibien magħluqa jew fil-Grawnd tal-Futbol jew il-Palazz tal-President. Hu qal li fettillu jiċċekkja minħabba regoli relatati ma' Covid 19. Ir-risposta kienet ċara li ma tista' ssir l-ebda tip t'attività. Minħabba l-loġistika kollha u li ċertu preparamenti jieħdu l-ħin, kien tal-parir li din titħassar. Issuġġerixxa li l-flus jiġu mqassma lill-għaqdiet u jintużaw f'kultura bħal restawr ta' bandalori u affarijiet oħra.

L-Avukat Caruana saqsiet jekk il-fondi jistgħux jiġu utilizzati is-sena d-dieħla. Is-Sindku qal li le u allura dawn se jiġu sparpaljati għax ġejjin Reġjun Tramuntana issa u anka jekk dawn imorru mar-Reġjun l-ieħor jibża' li dawn imbagħad jitqassmu fuq Kunsilli oħra.

Is-Sur Bonnici qal jekk jistgħux jintefgħu ġo fond jew jitqassmu issa? Is-Sur Cordina saqsa jekk jaqblux li jmorru ġol-fond tal-Kunsill jew jitqassmu qabel. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

Is-Sinjura Scerri proponiet ukoll li bil-flus jista' jiġi restawrat il-mużew tal-Knisja li qiegħed fi stat ħażin.

L-Avukat Brincat qal li jaqbel naturalment u jekk ma jistax isir il-kunċert jitqassmu lill-għaqdiet.

27.3.2 *Reverse Vending Machines*

Is-Sur Stefan Cordina qal li rċieva cirkulari mingħand l-AKL fuq RVMs. Hu qal li dawn huma magni li jieħdu lura flixken tal-plastik filwaqt li jagħtu lura xi forma ta' kumpens. Hu qal li kull kumment għandu jintbagħat fuq formula li kienet tinsab annessa mal-istess ċirkulari. Inqara ir-rapport a benefiċċju tal-Kunsilliera liema rapport jinsab anness.

Il-kummenti kienu dawn:

Avukat Brincat
Upkeep u maintenance tal-magni
Kemm se jitbattlu frekwenti
L-uzu tal-area u l-indafa tal-madwar
Is-Sigurtà minħabba li dawn il-magni se jkun fihom il-flus u li trid persuna magħhom il-ħin kollu u ma kull magna.

27.3.3 *Era Bring in-Sites Al 46 tal-2021*

Is-Sur Cordina qal dan l-Avviż Legali, u ġiet moqrija korrispondenza mibgħuta mill-Era jistipola li kull lokalità jrid ikollha Bring-in Site għal kull 2000 abitant. Hu qal li bil-problemi li diġà huma eżistenti mpossibbli li jkollok daqstant spazji miftuħa u li ħadd ma jridhom wara daru. L-Avukat Caruana qalet li jridu jinsabu postijiet bħal ħdejn l-iskola. Is-Sur Cordina qal li bla enforcement għalxejn u li mhux lest jitla' l-Qorti. Qal li jekk ikollhom isiru kif intqal trid tiġi mpjegata persuna u lanqas ġurnata ma sservi biex jara l-filmati kollha.

Meta s-Sur Cordina ċempel l-Era isaqsi għas-Sinjorina Janice Azzopardi qaltlu li jekk ikollhom bżonn xi enforcement kemm iċemplu lilhom.

Is-Sinjura Scerri telqet minn online f'dan il-mument 17:55

Is-Sur Cordina qal li issa kull meta jkun hemm bżonn irid imur xi ħadd idur il-bring-in sites u jħoss li dan mhux kompitu tal-ebda mpjegat mal-Kunsill. Hi qalet ukoll li jekk taħsbu li m'hemmx post kemm ninfurmaw lill-Bord.

Is-Sinjura Scerri reġgħat daħlet online f'dan il-mument 17:57.

L-Avukat Caruana qalet jekk jistax l-impjegat tal-Kunsill jidentifika xi postijiet hu forsi jsiru erba' jew ħamsa. Is-Sur Cordina qal li xorta tibqa' l-problema fejn ha titfgħahom. Saħansitra qal li fdalijiet tal-annimali kien fihom ukoll. Fejn hemm il-ġonna xorta nies hemm u żgur li dawn inkonvenjent għan-nies. L-Avukat Brincat qal barra li jittieħed il-parkeġġ u xorta jridu fejn jieqdu. L-Avukat Caruana qalet ukoll li jridu jkunu imferxin. Is-Sur Cordina rribatta li l-unika post addattat hu Ta' Qali imma mbagħad wisq bogħod u mhux ħa tibgħat lin-nies hemm. L-Avukat Brincat issuġġerixxa li l-Kunsill jitkellem mal-Assoċjazzjoni għax barra l-Bring-in sites hemm ukoll il-magni tal-flixken u ara kemm parkeġġi ha jittieħdu. Għadda wkoll bosta kummenti fuq ir-RVM's li huma mniżżla iktar 'il fuq. Ġie deċiż li s-Sindku jitkellem waqt il-laqgħa tar-Reġjun fuq dawn ukoll biex kif qalet l-Avukat Caruana jaraw il-pożizzjoni ta' Kunsilli oħra u ma jkunux l-unika Kunsill li oġġezzjona.

L-Avukat qal ukoll li kemm tal-Bring-in Sites u kemm tar-RVM's huma relatati. Is-Sur Bonnici qal li l-problemi għalkemm komuni mhumiex l-istess għall-kulħadd. Qal ukoll li RVM's barra minn Malta jsiru wara l-bieb tas-Supermarkets. Is-Sur Cordina qal li jistgħu jitolbu l-informazzjoni u minn hemm jaraw.

27.3.4 *Tqassim ta’ maskri*

Is-Sur Cordina qal li fil-laqgħa ta’ Marzu fuq suġġeriment tal-Avukat Caruana kien hemm qbil unanimu li jinxtraw il-maskri u jitqassmu. Hu kompla jgħid li dawn il-maskri inxtraw f’żewġ batches: fl-ewwel batch ta’ kwotazzjonijijet l-irħas wieħed kien it-Telecom (€4,809 2000 maskra) u l-maskri inxtraw mingħandu filwaqt li fit-tieni batch l-irħas kwotazzjoni kienet dik ta’ Techpoint (€5699.40 2300 maskra). Dejjem ittieħdet l-irħas offerta u dawn il-flejjes se jinġabu mir-Reġjun taħt Skema 1. Is-Sur Cordina qal ukoll li nġabu tliet kwotazzjonijiet bi tnejn minnhom bi plastik ricikklabbli kif xtaq il-Kunsill u l-irħas offerta kienet ta’ Green Skip Services Limited (€523.60-il bank). Tkellem ukoll fuq il-manutenzjoni li saret fuq il-vann tal-Kunsill fejn qed tintalab rifużjoni ta’ €625.40c. Hu reġa tenna li dan kollu se jintalab lir-Reġjun dejjem jekk jaqblu, Kulħadd qabel.

## 27.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

27.4.1 Helen Caruana

- Saqsiet fuq l-Uffiċċini tal-Kunsill. Is-Sur Cordina qal li t-Tender għalqet u l-Perit irid iħejji rapport. Wara jiftehmu data biex tibda l-aġġudikazzjoni.

27.4.2 Silvio Brincat

- Qal li qed ikollu diversi telefonati fuq it-trasport Pubbliku fejn qed isir ix-xogħol tas-Central Link, anzjani, nies jaqsmu waqt li għaddejjin l-inġenji. Is-Sur Cordina qal li sar l-ilment lill-Infrstructure Malta u idejn il-Kunsill magħluqin. Kompla jgħid li kien hemm min ilmenta fuq it-trabijiet li qegħdin fuq ir-raħal kollu, kif ukoll fuq il-fatt li n-nies ilhom magħluqin ġewwa ħabba l-Covid u issa magħluqin mod ieħor.
- Li fi Triq Mario Cortis qed jibnu u kuljum il-garaxx ta’ dan ir-resident hu okkupat bi trakkijiet. Is-Sindku talab lill-Avukat Brincat biex ir-resident jikteb lill-Kunsill Lokali u jitolbu permess lill-Transport Malta. L-Avukat Brincat saqsa jekk kienx hemm xi tabelli tal-Kunsill biex ma jipparkjawx quddiem garaxxijiet. Is-Sindku fakkar li dan kien biss messaġġ edukattiv u li fl-imejl għandu jindika dak li jixtieq hu.

27.4.3 Giorgio Mario Schembri

- Qal li kiteb lill-Perit Fredrick u fejn is-soltu il-Perit Sammut jirrispondi s’issa għadu ma rrispondiex u sa vidjo żgħir bgħat bħalha evidenza. Is-Sur Cordina qal li kellhom isiru punti u dawn jintbagħtu lill-Giorgio biex isir laqgħa ma’ Infrastructure Malta. Il-Perit Schembri qal li ħadd ma bagħtlu xejn. Is-Sur Cordina qal li Fredrick jirrispondieh mill-ewwel u lilll-Perit Reuben Sammut dejjem sabu aċċessibli għat-talbiet tal-Kunsill. Il-Perit Schembri qal li ta’ suġġeriment li fejn hu lesti isir it-tarmak, imqar l-ewwel wiċċ. Is-Sur Cordina qal li l-mobajl tiegħu mhux jieqaf iċempel blk-ilmenti. Illum ġurnata partikulari fejn bdew jinqalgħu żewġ siġriet li fil-fatt inqalgħu biex issir *merge lane* u ħadd ma ried jerfa’ responsabbiltà. Transport Malta qed tgħid li dawn iridu jinqalgħu, L-Era le u ħadd ma ried jerfa’ responsabbiltà dana minħabba l-aċċident li kien sar tal-*open deck bus.*

L-Avukat Caruana qalet li sakemm jitlesta x-xogħol hekk se jibqgħu. Il-Perit Schembri qal li ma jaqbilx u li hemm regoli stabbiliti li suppost qed jimxu magħhom. Jekk kuntrattur mhux kapaċi jitqabbad ħaddieħor u jiġbdu l-garanziji bankarji.

Is-Sur Cordina qal li kulħadd jixtieq il-ġid għar-residenti immaterjali xi proġett kien u li m'hemmx għalfejn joqgħodu jibbatibekkaw. Il-Perit Schembri qal li Ħ'Attard miżbla sar. Ilhom iktar minn sena hekk l-affarijiet u xebgħu jgħidu fuqhom imma m'hemmx *will* minn Infrastructure Malta. L-Avukat Caruana qalet li l-Perit dejjem irrispondieħ u issa forsi inqabad bix-xogħol u ħeġġitu jibgħatlu reminder.

Is-Sur Cordina qal li ħa jagħti jumejn ċans sal-ġimgħa u ssir laqgħa l-ġimgħa ta' wara.

Is-Sinjura Scerri telqet minn online f'dan il-mument 18:37.

John P. Bonnici

- Qal li Ġnien l-Istazzjon jinsab f'telqa kbira skont kif qalulu. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv qalu li dan il-ġnien għadu kemm ingħata tindifa sew u min għadda l-informazzjoni ma tax informazzjoni sew.
- Talab li ssir żabra fuq siġra sporġuta fuq il-bankina.

## 27.5 Rapporti

## Dan l-item sar qabel Item 27.4

27.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni ir-Rapport tal-Kwart tas-Sena Jannar – Marzu 2021. Hi qalet li l-persentaġġ tal-FSI kien qed jimmarka 16% li kien tajjeb ħafna kumparat mal-Baġit li kien 25% imma dan kien dovut għall-fatt li kien hemm differenza fil-flejjes tal-LESA fejn f'Marzu kellu jsir Jum Ħ'Attard, dan ma sarx u l-fondi ġew imdawwra fuq il-proġett tal-Katlan fejn iktar il-quddiem ha tinforma l-Kunsill fuq dan il-proġett ukoll. Hi tat rendikont fuq l-*income* fejn jidħlu permessi u qalet li dan kien kemmxejn inqas mill-Baġit imma l-*Boom* tiegħu ħa jidher fil-kwart li jmiss, il-paġi baqgħu l-istess u stabli, *Operations and Maintenance* kien hemm xi spejjeż tal-emeġenzi, ir-*refuse collection* li kien ftit inqas minħabba *credit note* li ittieħdet fl-accruals imma li se tiddaħħal fl-accounts fil-perjodu riċevuta. Qalet li d-differenzi kienu vera minimi inqas jew madwar €1000. Qalet li fir-rigward ta' Amministrazzjoni kien hemm il-kera tal-uffiċċini u l-ispiża tal-kalendarju li tħallas tard.

Talbet l-approvazzjoni tar-Rapport. Dan ir-rapport ġie approvat.

Il-Perit Giorgio Mario Schembri daħal f'dan il-mument 18:14.

## 27.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

27.6.1 Ma kienx hemm items oħra għad-diskussjoni.

## 27.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

27.7.1 Il-pagament ġew approvati.

## 27.8 Mozzjonijiet; u

27.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 27.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

27.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.45pm u ġiet aġġornata għal-21 ta' Ġunju 2021 fis-5.30pm u sussegwentament bi qbil għall-14 ta' Ġunju 2021.

Qabel ma spiċċat il-laqgħa l-Avukat Caruana ssuġġeriet li jintbagħat bukkett fjuri lis-Sur Remigio Bartolo.

Konfermati, illum 14 ta' Ġunju 2021.

IFFIRMATA
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA
Marica Mifsud
Segretarju Eżekuttiv